A.L. 23 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Music Studies - Dip. Mus. – taħt il-patroċinju ta' l-Istitut tal-Mediterran

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut tal-Mediterran bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Music Studies - Dip. Mus. - taħt l-patroċinju ta' l-Istitut tal-Mediterran.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut tal-Mediterran;

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għad-Diploma in Music Studies – Dip. Mus.; u

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Music Studies - Dip. Mus.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut jew fis-Sacred Music jew fiċ-Chamber Music jew f'xi qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

4. L-oqsma ta' studju offruti f'xi sena partikolari ikunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

5. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

7. Il-Kors jikkonsisti f'numru ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm 90 kredtu assenjati.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, u kull kredtu jkollu l-istess piż.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.